**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 13 ta' Gunju 2002**

**Numru**

**Avviz numru 720/01**

**Atlas Insurance Agency Limited, bhala rappresentanti tas-socjeta' estera AXA Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Mellieha Bay Hotel Ltd**

**vs**

**John Cauchi**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm1122.67c (elf, mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u sebgha u sittin lira Maltin) rappresentanti risarciment ta' danni komplessivi, liema ammont huwa sborzat favur l-assikurat tas-socjeta attrici sabiex sar indennizz wara hsara li garrab bhala konsegwenza ta' incident awtomobilisitku li gara Mellieha fit-12 ta' April 2000 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura Nru

HAN 285 u b'digriet tas-7 ta'Jannar, 2002, in-numru tal-vettura HAN 285 gie mibdul ghal HAN 284 habat mal-vettura Nru MBH 002 propjeta' ta' Mellieha Bay Hotel Ltd u misjuqa minn Charles Sammut – ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti. Oltre l-imsemmija danni, l-konvenut ghandu jhallas l-ispejjes tal-ittra interpellatorja tal-20 ta' Ottubru 2000 u dawk tal-ittra ufficjali presentata mal-avviz tat-talba ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta u l-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-avviz tat-talba.

Ra r-rispsota tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici kif diretti kontra l-eccipjenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi billi l-incident in kwistjoni ma sarx tort tal-eccipjent, izda b'tort ta' Charles Sammut, is-sewwieq tal-vettura nuru MBH 002 minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess sewwieq, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi ghalhekk l-eccipjenti ma ghandux ihallas ebda danni, u fi kwalunkwe kaz id-danni rekalmati huma esagerati.

Salvi eccezzjonjiet ohra.

Sema' x-xhieda u ezamina id-dokumenti esebiti.

Ikkonsidra:-

Illi huwa incident partikolari dak in dezamina fis-sens li hija kollizjoni bejn minibus u gaffa li huwa kontestat kif gara ezattament fil-mument tal-kollizzjoni.

Ix-xufier tal-vettura assikurata mas-socjeta' attrici jallega li kienet il-gaffa li dahlet go fih filwaqt il-konvenut jallega li huwa kien wieqaf, meta l-vettura opposta ghaddiet mkaxxra minn mieghu u habat a 'tempo vergine', l-istess konvenut stqarr din il-versjoni mal-istess pulizija investigattiv.

Illi l-versjoni tal-konvenut hija suffragata mix-xhieda okulari Salvatore Bugeja u Carmelo Zammit.  Huwa kaz rari li wiehed ikollu l-privilegg ta' presenza ta' terza persuna li ma tkunx wahda

mill-partijiet involuri. Dawna xehdu fil-mument tal-habta.  Il-gaffa kienet wieqfa biex thalli vetturi ohrajn li gejjin mic-Cirkewwa jinzlu.

F'dan il-kaz, it-Tribunal huwa vantaggat minn testimoni okulari li kienu prezenti 'a tempo vergine'.  Din il-presenza taghhom ma tistax tigi skartata minn dan it-Tribunal. Dawn jissuffragaw l-istqarrija tal-konvenut meta acceda fuq il-post tal-kollizzjoni l-istess pulizija nvestigattiv.

Sia x-xufier tal-assigurat tas-socjeta attrici u sia l-konvenut baqghu fermi fid-dikjarazzjonijiet taghhom.

Onus probandi incumbit ei qui dicit, non ei qui negat.  Anki d-daqqa kif rizultanti mir-ritratt esebit hija konfacjenti mal-versjoni tal-konvenut.  Is-socjeta attrici ma rnexxilhiex tinkombi fuq l-konvenut ir-responsabilta tal-incident, almenu fuq bilanc ta' probabiltajiet.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut, jichad it-talbiet attrici, bl-ispejjes kontra l-istess attur.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**